# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

### Seduta ta' nhar il-Hamis 21 ta' Jannar, 2016

**Talba Nru: 785/2015/VG**

**Inserv Ltd**

**Vs**

**Camen Camilleri ghan-nom u in rapprezentanza ta' CHOP SHOP LTD**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fit-18 ta' Settembru, 2015** u li permezz taghha talbet lis-socjeta intimata thallasha s-somma ta' elfejn erba' mija erbgha u tmenin euro u sitt centezmi ta' euro [€2,484.06c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "1. Illi s-socjeta attrici pprovdiet u kkonsenjat lis-socjeta intimata, merkanzija ammontanti ghal Eur2486.06 kif jirrizulta mill-fattura hawn annessa Dok A.
>
> 2. Illi minkejja s-socjeta intimata rceviet il-merkanzija fuq ordni taghha stess, il-hlas baqa ma sarx.

3. Illi minkejja ukoll diversi talbiet ta' hlas mis-socjeta attrici, is-sinjur Camen Camilleri in rapprezentanza ghamel bosta weghdiet ta' hlas, li sal-lum il-gurnata baqa ma sarx u ghalhekk kellha tigi addotta din il-procedura.

4. Illi l-ammont huwa cert likwidu u ghalaq u ghandu jithallas.

Bl-ispejjez u l-imghaxijiet legali, inkluzi zewg ittri legali datati 3/07/2015 u 15/06/2015 annessi bhala Dok B u C rispettivament, u tal-ittra ufficjali ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap 12 (Ref:1155/2015) kontra s-socjeta konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni".

Ra li s-socjeta intimata giet debitament notifikata fid-29 ta' Settembru, 2015 u li baqghet ma resqet l-ebda risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

Semgha x-xhieda ta' Gordon Pace Bonello, rapprezentant tas-socjeta rikorrenti, li kkonferma li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti ghadu dovut fl-intier tieghu mis-socjeta intimata.

Ra li Dr. Rachel Tua ddikjarat li s-socjeta rikorrenti ma kellhiex provi aktar xi tressaq u talbet lit-Tribunal sabiex jghaddi ghas-sentenza, liema talba t-Tribunal laqa'.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand l-intimata, tas-somma ta' elfejn erba' mija erbgha u tmenin euro u sitt centezmi ta' euro [€2,484.06c] in konnessjoni ma' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta intimata.

Ikkunsidra;

2. Gordon Pace Bonello, rapprezentant tas-socjeta rikorrenti, kkonferma bil-gurament tieghu llum stess li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti ghadu dovut fl-intier tieghu mis-socjeta intimata.

Ikkunsidra ulterjorment;

3. Illi l-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi testwalment hekk:

> *(2) Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (21), ġudikatur –*
>
> (a) *Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda;*

4. Imbaghad il-paragrafu (b) ta' l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

> *Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:*
>
> *(b) <u>Jekk il-konvenut jonqos li jidher</u>, il-gudikatur <u>jista</u> jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis.* (sottolinejar tat-Tribunal).

5. Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu.

6. Fil-kaz odjern, is-socjeta intimata giet debitament notifikata fid-29 ta' Settembru, 2015 u li la resqet risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma deher rapprezentant taghha ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

7. Jirrizulta li t-talba tas-socjeta rikorrenti hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal mis-socjeta rikorrenti ma ghandux mis-sewwa.

8. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mis-socjeta rikorrenti huwa dovut mis-socjeta intimata.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti kif kontenuta fit-Talba taghha u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta intimata thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' elfejn erba' mija erbgha u tmenin euro u sitt centezmi ta' euro [€2,484.06c] bl-imghaxijiet kif mitluba fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mid-data ta' meta kull ammont gie dovut, sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali numru 1155/2015, huma a kariku tas-socjeta intimata.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**